

Domand prelminari

Fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, moqri flimkien mal-Artikolu 19(1) u (2) TUE, rimedju disponibbli f'ċerti sistemi legali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsisti fil-possibbiltà li tintalab reviżjoni ta' proċedura li tkun intemmet b'rīzultat ta' sentenza definitiva b'konsegwenza ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li tikkonstata ksur tal-istandardi tal-Konvenzjoni, huwa element essenzjali ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva f'materji ċivili fejn is-sistema legali tal-Istat Membru tipprevedi rimedju legali differenti li jservi ta' protezzjoni ġudizzjarja għad-drittijiet ta' parti fi proċedura li tkun intemmet permezz ta' sentenza definitiva?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte suprema di cassazione (I-Italja)
fil-21 ta' Novembru 2022 – LivaNova plc vs Ministero dell'Economia e delle Finanze et**

(Kawża C-713/22)

(2023/C 45/17)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Corte suprema di cassazione

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: LivaNova plc

Konvenuti: Ministero dell'Economia e delle Finanze, Ministero dell'Ambiente e della Tutela del Territorio e del Mare, Presidenza del Consiglio dei ministri

Domanda preliminari

L-Artikolu 3 tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill [82/891/KEE] tas-17 ta' Diċembru 1982 ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar id-diviżjoni ta' kumpanniji b'responsabbilita pubblika limitata (‘), li tapplika wkoll (Artikolu 22) għad-diviżjoni permezz tal-formazzjoni ta' kumpanniji ġodda, sa fejn jipprovdli li (a) “[m]eta xi parti mill-passiv ma tkunx allokata bl-abbozz ta' kundizzjonijiet ta' diviżjoni u meta l-interpretazzjoni ta' dawn il-kundizzjonijiet ma tagħmlx possibbli deċiżjoni dwar l-allokazzjoni tagħha, kull waħda mill-kumpanniji reċipjenti għandha tkun responsabbli flimkien u separatament *[in solidum]*” u (b) “Stati Membri jistgħu jiddisponu li din ir-responsabbilità flimkien u separatament *[in solidum]* tkun limitata għall-attiv nett allokat lil kull kumpannija”, jipprekludi interpretazzjoni tar-regola tad-dritt nazzjonali li tinsab fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 2506-bis tal-Kodiċi Ċivili li tfisser ir-responsabbilità *in solidum* tal-kumpannija diviża bħala “parti mill-passiv” mhux attribwit fl-abbozz ta' kundizzjonijiet, minbarra r-responsabbiltajiet ta' natura digħi ddeterminata, anki (i) dawk identifikabbli fil-konsegwenzi dannużi, maħluqa wara d-diviżjoni, ta' aġir (b'azzjoni jew b'nuqqas ta' azzjoni) li seħħ qabel id-diviżjoni stess jew (ii) ta' aġir ulterjuri, li huma l-konsegwenza tad-diviżjoni, li għandu n-natura ta' delitt permanenti, li jiġġenera danni ambjentali, li l-effetti tagħhom, fil-mument tad-diviżjoni, ma jkunux determinabbli b'mod sħiħ?

(‘) ČGU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolo 17, Vol. 1, p. 50.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Landgericht Ravensburg (il-Ġermanja)
fit-23 ta' Novembru 2022 – QR vs Mercedes-Benz Bank AG**

(Kawża C-715/22)

(2023/C 45/18)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Landgericht Ravensburg

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: QR

Konvenut: Mercedes-Benz Bank AG